REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/331

tal-24 ta' Frar 2021

dwar ir-rappurtar ta' abbużi mwettqa minn intermedjarji kummerċjali li jipprovdu servizzi ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar skont ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(5) u 16(10) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, "ETIAS") għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma eżentati mir-rekwiżit li jkollhom viża fil-pussess tagħhom għall-finijiet tad-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri.

(2) Biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, l-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata mill-applikant direttament, jew minn persuna terza jew intermedjarju kummerċjali awtorizzat mill-applikant biex jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu.

(3) Fil-kuntest ta' sistemi komparabbli rigward l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, huwa magħruf li l-intermedjarji kummerċjali jwettqu prattiki abbużivi. L-abbużi jistgħu jieħdu ħafna forom differenti fosthom: it-tentattiv li l-applikanti jiġu ingannati biex jemmnu li s-sit tagħhom huwa s-sit web pubbliku uffiċjali jew l-applikazzjoni għal apparati mobbli dedikati għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, u b'hekk tingħata l-impressjoni falza li l-ħlas żejjed mitlub mill-intermedjarju kummerċjali huwa parti obbligatorja tal-proċess ta' applikazzjoni aktar milli kunsiderazzjoni għall-użu volontarju ta' servizz kummerċjali; l-użu frodulenti tad-*data* personali jew finanzjarja li jipprovdi l-applikant; il-fatturazzjoni ta' prezz eċċessivament għoli għas-servizz, jew l-applikazzjoni ma tintalabx fil-ħin, fil-format u fil-kwalità meħtieġa f'isem l-applikant.

(4) Sabiex jiġu identifikati l-prattiki abbużivi u jiġi evitat milli jerġgħu jseħħu, jenħtieġ li formola online għar-rappurtar ta' abbuż minn intermedjarji kummerċjali tkun aċċessibbli permezz tas-sit web pubbliku u l-applikazzjoni għal apparati mobbli ddedikati. Sabiex tikber is-sensibilizzazzjoni dwar il-possibbiltà li wieħed jirrapporta abbuż u biex jiġi ffaċilitat dan ir-rappurtar, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-proċess li għandu jiġi segwit tkun tidher b'mod ċar fuq is-sit web pubbliku u fuq l-applikazzjoni għal apparati mobbli. Jenħtieġ li l-formola jkun fiha kampi standardizzati u tkun titlob lill-utenti biex idaħħlu d-dettalji tal-imġiba abbużiva.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-applikanti jkunu infurmati biżżejjed dwar in-natura u l-għan tal-faċilità ta' rapportar, jenħtieġ li l-formola tkun tiċċara li s-sistema ta' rapportar hija għal finijiet ta' monitoraġġ, ma tiġbor l-ebda *data* personali u ma tikkostitwixxix mezz biex isiru appelli dwar deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjonijiet, jew li sservi ta' sostitut għall-insegwiment ta' rimedji skont il-liġi amministrattiva, ċivili jew kriminali.

(6) Jenħtieġ li l-Unità Ċentrali tal-ETIAS tirċievi u tivvaluta tali rapporti, filwaqt li tqis is-similaritajiet tal-abbużi u l-abbużi ripetuti li jiġu rrappurtati. Jenħtieġ li l-Unità Ċentrali tal-ETIAS tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni, kif meħtieġ, dwar l-abbużi rrappurtati u l-valutazzjonijiet li jkunu saru. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis dawn il-valutazzjonijiet meta tiżviluppa kampanji ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2018/1240. Abbażi tal-valutazzjonijiet, jenħtieġ li l-Unità Ċentrali tal-ETIAS timmodifika, kif xieraq, l-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1240, u b'mod partikolari lill-applikanti.

([1]) ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1.

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ("TFUE"), id-Danimarka ma pparteċipatx fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1240 u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, peress li r-Regolament (UE) 2018/1240 jibni fuq l-acquis ta' Schengen, fil-21 ta' Diċembru 2018, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, id-Danimarka nnotifikat id-deċiżjoni tagħha li timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1240 fil-liġi nazzjonali tagħha.

(8) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tipparteċipax, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([2]); għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(9) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([3]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([4]).

(10) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([5]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([6]).

(11) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([7]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([8]).

(12) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew huwa marbut mod ieħor miegħu, fit-tifsira, rispettivament, tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011.

(13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) u ta l-opinjoni tiegħu fl-4 ta' Settembru 2020.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([5]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([7]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti (ETIAS),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Formola għar-rappurtar ta' abbuż

1. Ir-rappurtar ta' abbuż minn intermedjarju kummerċjali għandu jsir bl-użu ta' formola li jkun fiha l-informazzjoni u li tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fil-punti minn 1 sa 7 tal-Anness.

2. Għandu jkun possibbli li l-formola timtela bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

3. Qabel ma jippreżentaw il-formola, l-applikanti għandhom jintalbu jipprovdu konferma li fehmu u taw il-kunsens tagħhom għall-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-preżentazzjoni ta' rapport dwar l-abbuż, inkluż li l-applikant ma jenħtieġ jipprovdi l-ebda *data* personali fir-rapport tiegħu, kif ukoll l-iskopijiet li għalihom għandha tintuża l-informazzjoni pprovduta, kif stabbilit fil-punt 7 tal-Anness.

4. Ladarba tiġi ppreżentata, il-formola għandha tintbagħat awtomatikament lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS.

Artikolu 2

Dokumentazzjoni addizzjonali

Il-limitazzjonijiet fuq l-għadd u d-daqs tal-fajls addizzjonali li jistgħu li jistgħu jiġu applowdjati għandhom jiġu stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Artikolu 3

Notifika lill-applikanti

1. Notifika li rapport tal-abbuż ikun ġie riċevut għandha tidher awtomatikament fuq l-iskrin tal-applikant. L-applikant għandu jingħata l-possibbiltà li jsalva lokalment jew jistampa d-dikjarazzjoni tar-riċevuta.

2. In-notifiki għandhom ta' mill-inqas jinkludu dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni tar-riċevuta tar-rapport u konferma tad-data u l-ħin li fihom ġiet ippreżentata l-formola

(b) tfakkira dwar l-informazzjoni rilevanti kollha b'rabta mal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar kif imsemmi fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1240;

(c) informazzjoni li r-rapport ta' abbuż għandu jintuża biex jassisti l-monitoraġġ u t-titjib tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar. B'kuntrast ma' dan, il-faċilità ta' rapportar mhijiex maħsuba biex tipprovdi rimedji f'każijiet individwali u mhijiex sostitut għall-insegwiment ta' xi pretensjoni fil-liġi amministrattiva, ċivili jew kriminali li tista' tkun prevista skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

Artikolu 4

Rwoli tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS

1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha:

(a) timmonitorja, tipproċessa u tanalizza r-rapporti kollha ta' abbuż;

(b) tippubblika fuq is-sit web pubbliku ddedikat u fl-applikazzjoni għal apparati mobbli informazzjoni rilevanti sabiex jiġu evitati l-abbużi.

2. Darba fis-sena, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni, li tal-anqas għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni anonimizzata tal-każijiet ta' abbuż irrappurtati, inklużi similaritajiet bejn il-każijiet, ir-rikorrenzi, ix-xejriet u l-karatteristiċi;

(b) ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet li ttieħdu biex l-informazzjoni tiġi adattata għall-pubbliku ġenerali u għall-applikanti.

Artikolu 5

Miżuri speċifiċi ta' sigurtà

Il-forma għar-rappurtar tal-abbużi għandha titfassal u tiġi implimentata biex jiġu ggarantiti l-kunfidenzjalità, l-integrità, id-disponibbiltà, il-protezzjoni tad-*data* personali u n-nonripudju tat-tranżazzjonijiet kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 ([10]). L-implimentazzjoni teknika u organizzattiva tagħha għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-pjan ta' sigurtà tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, previst fl-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240 u tar-regoli dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tad-*data* applikabbli għas-sit web pubbliku u għall-applikazzjoni għal apparati mobbli previsti fl-Artikolu 16(10) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([10]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

ANNESS

FORMOLA GĦAR-RAPPURTAR TA' ABBUŻ MINN INTERMEDJARJI KUMMERĊJALI LI JIPPREŻENTAW APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI F'ISEM APPLIKANT BIEX JIVVJAĠĠA

1. **Introduzzjoni**

(a) Il-formola għar-rappurtar ta' abbuż minn intermedjarji kummerċjali għandu jkollha t-titlu li ġej:

"*Formola għar-rappurtar ta' abbuż minn intermedjarji kummerċjali li jippreżentaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni f'isem applikant biex jivvjaġġa.*"

(b) L-avviż introduttorju li ġej għandu jidher fil-bidu ta' din il-formola:

"*Imla din il-formola biex tirrapporta inċidenti ta' abbuż li stajt esperjenzajt minn intermedjarju kummerċjali li japplika għal awtorizzazzjoni f'ismek biex tivvjaġġa.*

Innota li l-informazzjoni li tipprovdi se tintuża biex tassisti l-monitoraġġ u t-titjib tal-ETIAS.

Iddaħħalx data personali f'din il-formola, kemm jekk tkun tiegħek kif ukoll jekk tkun ta' xi persuna oħra."

(c) Il-formola trid tinkludi suġġerimenti li jitolbu u jippermettu li jiddaħħlu l-elementi tad-*data* stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt (għalkemm mhux neċessarjament fl-ordni elenkata) skont l-istandards, il-formati u r-rekwiżiti indikati.

2. **Ċirkustanzi tal-abbuż**

Ċirkustanzi tal-abbuż	Standard	Format	Rekwiżit
L-applikant irid jingħata l-possibbiltà li jindika jekk l-ilment tiegħu jkunx irriżulta f'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin: — l-applikant konxjament awtorizza intermedjarju kummerċjali biex jippreżenta applikazzjoni f'ismu — l-applikant mela l-applikazzjoni direttament mingħajr ma kien jaf li kien qed juża sit web tal-UE mhux uffiċjali operat minn intermedjarju kummerċjali — oħrajn	Mhux applikabbli.	Kaxxi tal-immarkar:	Obbligatorju.
Jekk ir-risposta għal "ċirkostanzi tal-abbuż" hija "oħrajn".	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, spazji, dijakritiċi, apostrofi u singijiet biss. [Għadd ta' karattri permess: 255]	Obbligatorju.

3. **Informazzjoni dwar il-vjaġġatur li qed jirrapporta l-abbuż**

Informazzjoni	Standard	Format	Rekwiżit
Pajjiż tat-twelid	ISO 3166-1	Lista tal-għażla tal-pajjiżi kollha, inklużi pajjiżi li ma għadhomx jeżistu.	Obbligatorju. L-opzjoni "Mhux magħruf" għandha tkun disponibbli.
Nazzjonalità	ISO 3166-1	Lista tal-għażla tal-pajjiżi kollha, inklużi pajjiżi li ma għadhomx jeżistu.	Obbligatorju. L-opzjoni "Mhux magħruf" għandha tkun disponibbli.
Grupp tal-età	Mhux applikabbli	18-25 26-40 41-55 > 55	Fakultattiv.
Sess		Kaxxi tal-immarkar: Raġel/Mara/Ieħor	Fakultattiv.

4. **Dettalji tal-abbuż**

Dettalji tal-abbuż	Standard	Format	Rekwiżit
Data tal-abbuż	Mhux applikabbli.	JJ Xahar bħala kelma/SSSS	Fakultattiv. Obbligatorju.
Deskrizzjoni u konsegwenzi tal-abbuż	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, apostrofi u singijiet biss. [Għadd ta' karattri permess: għad irid jiġi definit]	Obbligatorju.
Awtorizzazzjoni ta' vjaġġ riċevuta	Mhux applikabbli.	Kaxxi tal-immarkar: iva/le/ma nafx.	Obbligatorju.
It-tariffa totali mitluba għall-awtorizzazzjoni ta' vjaġġ u l-forniment ta' servizzi intermedjarji	Mhux applikabbli.	Test liberu (ċifri u munita).	Obbligatorju. L-għażla "mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Metodu ta' pagament tat-tariffa	Mhux applikabbli.	Test liberu.	Obbligatorju. L-għażla "mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.

5. **Informazzjoni dwar l-intermedjarju kummerċjali**

Informazzjoni	Standard	Format	Rekwiżit
Isem kummerċjali tal-intermedjarju kummerċjali		Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, apostrofi u singijiet. Karattri speċjali oħra: "!", "@", "#", "$", "&", "*", "?".	Obbligatorju.

Informazzjoni	Standard	Format	Rekwiżit
Attivitajiet kummerċjali ewlenin	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, apostrofi u singijiet. Karattri speċjali oħra: "!", "@", "#", "$", "&", "*", "?".	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz tal-Internet	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, karattri oblikwi u singijiet biss.	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Posta elettronika	Mhux applikabbli.	Local-part@domain	Obbligatorju. L-għażla "mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Numru tat-telefon tax-xogħol	ITU T, E.123 u E.164 (kodiċijiet tal-pajjiżi)	Lista tal-għażla bil-kodiċijiet kollha tal-pajjiżi, u test liberu (ċifri biss).	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz postali — Isem tat-triq	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, apostrofi, karattri oblikwi u singijiet biss.	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz postali: — Numru tat-triq	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, karattri oblikwi u singijiet biss.	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz postali: — Numru tal-appartament	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, karattri oblikwi u singijiet biss..	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz postali: — Indirizz tat-2ni linja	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, apostrofi, karattri oblikwi u singijiet biss.	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz postali: — Belt	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, apostrofi u singijiet biss.	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz postali: — Kodiċi Postali	Mhux applikabbli.	Test liberu, inklużi: karattri tal-alfabett Latin A-Z, ċifri, spazji, dijakritiċi, karattri oblikwi u singijiet biss.	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.
Indirizz postali: — Pajjiż	ISO 3166-1	Lista tal-għażla ta' pajjiżi, territorji dipendenti u żoni speċjali ta' interess ġeografiku.	Obbligatorju. L-għażla "Mhux applikabbli" għandha tkun disponibbli.

6. **Dokumentazzjoni ta' sostenn**

Dokumentazzjoni ta' sostenn	Standard	Format	Rekwiżit
L-applikant għandu jingħata l-possibbiltà li japplowdja dokumenti ta' sostenn għar-rapport (meta disponibbli). L-applikant irid jirrikonoxxi li d-dokumenti li se japplowdja ma fihom l-ebda *data* personali, jew li ħa ħsieb li jħassar id-*data* personali qabel ma japplowdja d-dokumenti.	Mhux applikabbli.	Kaxxa tal-applowdjar Kaxxa tal-immarkar	Id-daqs u l-għadd ta' fajls addizzjonali li jistgħu jiġu applowdjati. Formati aċċettati: Portable Document Format (PDF); Joint Photographic Experts Group (JPEG); Portable Network Graphics (PNG)).

7. **Avviż u kunsens**

Avviż u kunsens	Standard	Format	Rekwiżit
Qabel il-preżentazzjoni, l-applikant għandu jingħata l-possibbiltà li jikkonferma: (i) li l-applikant fehem li l-informazzjoni pprovduta se tintuża biex tassisti l-monitoraġġ u t-titjib tal-ETIAS. (ii) li l-applikant fehem li l-faċilità ta' rapportar ma tikkostitwixxix proċedura ta' appell kontra rifjut, annullament jew revoka ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar imputabbli lill-imġiba ta' intermedjarju kummerċjali. Lanqas ma tipprovdi rimedji f'każijiet individwali u mhijiex sostitut għall-insegwiment ta' xi pretensjoni fil-liġi ċivili jew kriminali li tista' tkun prevista skont il-liġi nazzjonali applikabbli. (iii) li l-applikant ġie infurmat li l-ebda *data* personali ma għandha tiġi inkluża fir-rapport u fejn id-*data* personali tingħata xorta waħda jagħti l-kunsens li d-*data* tiġi redatta.	Mhux applikabbli.	Kaxxa tal-immarkar	Obbligatorju.